**7 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch), D.P.A.(Lond.)**

Alfred Garroni

*versus*

Rose Garroni

## *Res Judicata* – Deċiżjoni b'Kap Separat

*L-artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi espressament li l-eċċezzjoni tar-res judicata għandha tiġi deċiża b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Dan ir-rekwiżit proċedurali huwa wieħed tassattiv, kif jidher mil-lokuzzjoni ta' l-imsemmi artikolu 730. Għalhekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dak ir-rekwiżit fis-sentenza jirrendi l-istess sentenza nulla.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni magħmula quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tagħha l-attur wara li ppremetta illi l-appartament huwa d-dar konjugali tal-kontendenti li huma miżżewġin, liema appartament huwa mogħti b'ċens lill-attur li għalih iħallas il-kera; u illi l-konvenut qaflet lill-attur barra mill-imsemmija dar konjugali, u għalkemm

interpellata qiegħda tirrifjuta li tħallih jidħol u tikkonsenjalu ċ-ċwievet tal-post li hija biddlet kontra l-volontà tiegħu; talab illi l-konvenuta tiġi kkundannata sabiex fi żmien qasir u perentorju *tħalli liberu aċċess* tad-dar *konjugali għall*-attur, u *li* fin-nuqqas l-attur jiġi awtorizzat jidħol fl-imsemmi appartament inattiż kull ostakolu jew qafil li tagħmel il-konvenuta. Bl-ispejjeż, kompriżi Lm1 ta' l-ittra intepellatorja tat-3 ta' Settembru, 1976, u ta' l-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Novembru, 1980, kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha qalet (1) illi fid-dawl ta' l-istanza ta' separazzjoni personali promossa mill-istess attur kontra l-eċċipjent (Ċitaz. 100/76CC), l-istanza odjerna hi legalment inattendibbli; u (2) illi, f'kull każ, l-istanza odjerna *hi kompletament inutili billi kif ingħad, diġà hemm* pendenti bejn l-istess partijiet kawża ta' separazzjoni personali li fiha l-attur seta' – salv dak li se jingħad – iressaq it-talba odjerna. F'dan il-każ, però, tosta għat-talba odjerna s-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Marzu, 1978, fil-kors tal-kawża ta' separazzjoni hawn fuq imsemmija;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru, 1982, li biha laqgħet it-talbiet ta' l-attur, u kkundannat lill-konvenuta biex fi żmien tmint ijiem mid-data tas-sentenza tħalli liberu aċċess tad-dar konjugali, għall-attur· u fin-nuqqas awtorizzat lill-istess attur jidħol fl-imsemmi appartament inattiż kull ostakolu jew qfil li tagħmel il-konvenuta; u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenuta tad-29 ta' Novembru, 1982 (fol. 71 tal-proċess), li biha, peress li ħasset ruħha aggravata mis-

sentenza msemmija, interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuta, ippreżentata fis-6 ta' Diċembru, 1982 (fol. 72/76), li biha, għar-raġunijiet hemm esposti, talbet li din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla l-istess sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti fit-22 ta' Novembru, 1982, u, b'akkoljiment ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta jew liema minnhom, tiċħad l-istanza attriċi kif proposta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat, ippreżentata fis-16 ta' Diċembru, 1982 (fol. 80/82), li biha, għar-raġunijiet hemm esposti, qal illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Semgħet lill-Avukati tal-partijiet jittrattaw l-appell; u

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji avvanzati mill-konvenuti appellanti fil-petizzjoni tagħha huma tlieta, *omissis;*

Illi anki kieku t-talba ta' l-attur ġiet magħmula ritwalment, tosta s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Marzu, 1978, fil-kors tal-kawża tas-separazzjoni bejn il-kontendenti odjerni fuq l-inċident imressaq mill-appellat odjern biex jieħu lura l-pussess tad-dar konjugali u jibgħat lil martu (il-konvenuta appellanti) fi *flat* il-Gżira – b'esitu sfavorevoli għall-attur appellat. Għalhekk, għall-kawża preżenti josta l-

ġudikat. Issa, fuq din *l-eċċezzjoni* l-ewwel Qorti ma qalet assolutament xejn, mentri b'liġi espressa (artikolu 731, illum artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili), il-Qorti trid bil-fors tiddeċidi u b'kap separat, eċċezzjoni ta' '*res judicata*', *u n-nuqqas* tagħha li tagħmel dan jirrendi l-istess sentenza nulla;

Illi huwa spedjenti *li l-Qorti* tibda biex teżamina qabel xejn dan it-tielet gravam. L-ewwel ma trid tistabilixxi l-Qorti huwa jekk il-konvenuta appellanti kinitx issollevat quddiem il-prim'istanza l-eċċezzjoni tar-*res judicata;*

Da parti tiegħu l-attur appellat, fir-risposta tiegħu għall-petizzjoni ta' l-appell, qal li l-konvenuta la ssollevat u lanqas setgħat *tissolleva eċċezzjoni* ta' ġudikat. Huwa kompla qal testwalment hekk: ''Jingħad li l-konvenuta ma setgħatx tissolleva eċċezzjonin ta' ġudikat għal diversi raġunijiet, fosthom (a) li degriet interlokutorju *(bħal* dak mogħti fil-kawża tas-separazzjoni) ma jista' qatt jagħti lok għal *res judicat*, (b) għaliex dak id-degiret iddeċida biss l-**irritwalità** tad-domanda ta' l-esponent, u bl-ebda mod ma intrometta ruħu fil-mertu, (ċ) dik l-istanza kienet biex il-konvenuta tiġi maħruġa mid-dar mentri l-istanza odjerna hija biex l-esponent jitħalla jirritorna d-dar'';

Issa minn *eżami tan-nota* ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut din eċċepiet espressament li fil-kawża odjerna ''tosta għat-talba odjerna s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Marzu, 1978''. *Fil-fehma* tal-Qorti dan il-kliem jammonta għall-eċċezzjoni tar-''*res judicata*'' – naturalment indipendentement mill-attendibilità o meno ta' dik l-eċċezzjoni. Bir-rispett kollu lejn id-difensur ta' l-attur appellat ir-raġunijiet tiegħu *hawn fuq imsemmija* jinfluwixxu biss fuq il-mertu ta' din

l-eċċezzjoni;

Stabbilit dan il-punt, jingħad illi kif tajjeb osservat il-konvenuta fil-petizzjoni ta' l-appell, l-artikolu 730 tal-Kodiċi hawn fuq imsemmi (ġà artikolu 731), jipprovdi espressament li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* għandha tiġi deċiża b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu – ħaġa li minn eżami tas-sentenza appellata l-Qorti ma għamlitx. Dan ir-rekwiżit proċedurali huwa wieħed tassattiv, kif jidher mil-lokuzzjoni ta' l-imsemmi artikolu 730. Għalhekk, in-nuqqas ta' osservanza ta' dak ir-rekwiżit fis-sentenza jirrendi l-istess sentenza nulla;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata, u tirrimetti l-proċess lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni;

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu bejn il-kontendenti nofs kull wieħed.